**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 367/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Tyson Grech**

Seduta tal-1 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti;

SENTENZA PRELIMINARI DWAR L-EWWEL AGGRAVJU LI BIH L-APPELLANT SSOLLEVA N-NULLITA' TAS-SENTENZA

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tyson Grech detentur tal-karta tal-identita Maltija 444995 M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali talli:

1. Fl-14 u fil-15 ta' Awwissu 2019 gewwa Bormla u/jew f' inhawi ohra f'dawn il Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

2. Minghajr kunsens, ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u, jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, fuq il-gisem ta' Omissis:
3. Bl-uzu tal-forza, tixhim, theddid, qerq, cahda mill-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mgieba ohra illegali jew bit theddid ta' agir bhal dan, ikkaguna lil Omissisr tikkommetti xi atti sesswali mhux kunsenswali:
4. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Omissis sabiex joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom:
5. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal Magistrati mill Mgt. Dr. Claire Stafrace LL.D. nhar is-26 ta' April 2019 meta nghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal €10,800

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka 1-helsien mill-arrest tal-imsemmi Tyson Grech u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 10,800 ewro tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal Ligijiet ta' Malta kif ukoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha, kif ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm

waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Settembru 2021, li biha filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, sabitu hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49 izda mhux taht l-Artikolu 50 tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu sitt (6) snin prigunerija u multa ta' elfejn u mitejn euro (€2,200).

Ghall-fini tal-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tad-depozitu shih fis-somma ta' tmien mitt euro (€800) kif ukoll tas-somma ta' elfejn euro (€2,000) mis-somma stabbilita ghall-fini tal-garanzija personali skont id-digriet tas-26 t'April 2019 li permezz tieghu il-hati nghata l-helsien mill-arrest, ossia somma totali ta' elfejn u tmien mitt euro (€2,800) u laqghet wkoll it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u konsegwentement ordnat l-arrest mill-gdid ta' Tyson Grech.

Billi qiset li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Omissis, ziedet mal-piena, ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess Tyson Grech a tenur tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment, liema termini kellu jibda jiddekorri wara li tigi skontata l-piena ta' prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil Tyson Grech ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma totali ta' elfejn erba' mija u tnejn u tmenin euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,482.87) rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti mahturin fil-*proces-verbal* tal-inkjesta u dan fi zmien sena mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ghal dan il-fini ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti.

**Ipprojbiet l-pubblikazzjoni b'kull mezz li jkun, tal-isem tal-parti offiza, Omissis, in konnessjoni ma' dawn il-proceduri u din is-sentenza.**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tyson Grech pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 t'Ottubru 2021 li bih talab **ir-riforma** tas-sentenza appellata billi:

1. **Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illiberat lill-imputat appellant mit-tieni u t-tielet imputazzjoni u tikkancellaha u **tirrevokaha** f'dik il-parti fejn l-appellant kien misjub hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom;
2. Jew fin-nuqqas **tvarja** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha barra il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok taghti piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji mressqa minn Tyson Grech;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lil partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom dwar l-ewwel aggravju;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-ewwel gravam mressaq mill-appellant Tyson Grech li bih qed jallega n-nullita' tas-sentenza appellata. F'dan l-aggravju l-appellant iressaq zewg ragunijiet ghaliex hu iqis li ghandhom ikunu akkolti minn din il-Qorti bhala ragunijiet li jwasslu ghan-nullita' tas-sentenza appellata u dawn ser ikunu trattati seriatim;

2. Illi l-ewwel raguni mressqa mill-appellant hi li kien pregudikat mill-fatt illi l-Qorti ghaddiet biex takkorda id-deposizzjoni tal-allegata vittma permezz tas-sistema ta' video conferencing minghajr ma nnotifikatu bir-rikors tal-prosekuzzjoni. Fis-sottomissjonijiet orali d-difensuri tal-appellant amplifikaw dan l-argument billi allegaw illi b'dan in-nuqqas l-imputat kien imcahhad milli jaghmel sottomissjonijiet fuq din it-talba. L-Avukat Generali wiegeb illi l-Qorti mxiet ma' dak li jiddisponi l-artikolu 647A(2) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma hemm ebda rregolarita';

3. Illi ezaminati l-atti processwali, jemergi illi permezz ta' rikors bid-data tat-3 ta' Settembru, 2019 (fol 25) il-prosekuzzjoni talbet

lill-Qorti sabiex tawtorizza lill-allegata vittma tixhed bil-mezz tal-video conferencing wara li ppremettiet li hija xhud vulnerabbli. B'digriet tad-9 ta' Settembru 2019, l-ewwel Qorti laqghet din it-talba u x-xhud xehdet permezz ta' din is-sistema kif jirrizulta mill-istess atti. Ghalhekk l-appellant huwa korrett meta jallega li ma kienx notifikat bit-talba tal-prosekuzzjoni. Dan, izda, wahdu ma jfissirx li l-appellant ghandu ragun dwar l-ilment tieghu;

4. Jibda biex jinghad illi dan huwa kaz ta' allegat kongungiment karnali u sekwestru illegali ta' persuna ta' dsatax-il sena liema persuna talbet li tixhed bis-sistema tal-video conferencing. L-artikolu 55 tal-Kapitolu 164 tal-ligijiet ta' Malta fis-subartikolu (1) tieghu jiddisponi illi:

> **Minuri, vittma ta' delitt kontra l-integrita' sesswali tal-persuna, u kull vittma jew xhud iehor vulnerabbli ghandhom jaghtu x-xiehda taghha *viva voce* waqt il-process permezz ta' trasmissjoni televiziva kontemporanja.**

5. Dan l-artikolu tal-ligi mhux biss ma jmurx kontra, izda jikkumplimenta l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li bhala regola ix-xhieda ghandhom dejjem ikunu ezaminati fil-qorti u *viva voce*. Dan ghaliex bis-sistema ta' video conferencing l-imputat ikollu l-vista tax-xhud l-istess fl-invers bil-qorti tkun prezenti magenb ix-xhud bil-vizwali tal-imputat quddiemha tramite sistema televiziva. Issa, minn qari ta' dan il-provvediment gia huwa ndikat b'mod tassattiv li l-allegata vittmi ghandhom jixhdu b'dan il-mod u l-imputat ma rregistra ebda oggezzjoni ghal din il-procedura anke jekk huwa serjament dubitat jekk qatt setax legalment jirregistra xi forma ta' oggezzjoni. Ifisser ghalhekk illi

ma kienet meħtieġa ebda notifika tar-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija la darba l-imputat ma kellu ebda *locus standi* fit-talba wisq anqas fid-deċiżżjoni tal-ewwel Qorti li kellha timxi, kif fil-fatt għamlet, fuq dak li jiddisponi il-Kapitolu 164 fl-artikolu citat *supra*. Inoltre, wara li l-Qorti eżaminat il-process li bih xehedet l-allegata vittma ma sabet xejn irregolari u għalhekk l-preġudizzju li qed jallega l-imputat appellant huwa ineżistenti;

6. Illi l-appellant iressaq ukoll raġuni oħra għaliex dan il-process għandu jitqies bħala monk u konduċenti għan-nullita' meta jallega illi ma kellux l-opportunita' li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu għan-nota tal-allegata vittma li tkun ammessa bħala parte civile. Mill-atti processwali jirriżulta illi waqt l-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2019 l-allegata vittma preżentat nota sabiex tkun ammessa bħala parte civile u l-Qorti laqgħet it-talba seduta stante. Anke hawn, l-imputat ma ssolleva ebda oġġezzjoni minkejja li kien preżenti u debitament assistit mil-legali tiegħu. L-artikolu 410(5) tal-Kodiċi Kriminali jagħti l-jedd lil kull parti li jidhrilha li għandha tkun ammessa bħala parti offiża li titlob lill-Qorti li tkun hekk ammessa u fil-każ li dik it-talba tintlaqa' dik il-persuna jkollha l-jedd li tkun preżenti matul kull smigħ anke jekk tkun xhud;

7. Illi hawn si tratta ta' talba mill-persuna li qed tallega delitti fil-konfront tagħha kommessi mill-imputat. L-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni għaliex tinnotifika lill-imputat bit-talba tal-parti li proprju fuq talba tagħha inbdew dawn il-proceduri u għalhekk wisq anqas seta' qatt joġġezzjona l-imputat għal dik it-talba. Naturalment li kieku t-talba saret minn persuna estranea għal-każ possibilment ikun hemm ħtieġa ta' kunsiderazzjonijiet oħra.

Fil-kaz odjern, izda, ir-ragunament tal-imputat appellant huwa wiehed li jirraviza il-fierah u ma jimmeritax akkoljiment;

8. Illi pregudizzjali iehor sollevat mill-appellant huwa: "Illi l-Avukat Generali fil-mori tal-kumpilazzjoni ukoll intavola diversi rikorsi, noti, u talbiet bhal rinviji u estensjonijiet tat-termini minghajr qatt ma l-appellant gie notifikat bihom". Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tal-appellant, izda, jsemmi biss "rinviju jew xi nota fil-process" u ma jsemmi xejn dwar rikorsi u talbiet. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha toqghod tfittex hi fl-atti processwali jekk qatt kienx hemm rikorsi u talbiet mhux notifikati lill-imputat la darba l-imputat naqas milli jissenjala dawn l-okkazzjonijiet. Il-kunsiderazzjonijiet li jsegwu ghalhekk huma dwar ir-rinviji tal-Avukat Generali li l-imputat ihoss li kellhom ikunu notifikati lilu;

9. Illi fis-sistema penali taghna, il-procedura quddiem il-Qorti Isturttorja sal-lum hi tali li wara li l-Qorti tghalaq il-kumpilazzjoni, tibghat l-atti lill-Avukat Generali li jkollu d-dritt jerga jibghat l-atti lill-Qorti sabiex tisma' lix-xhieda u taghmel dak indikat f'dak ir-rinviju u dan kif ahjar dettaljat fis-Sub-titolu II tat-Titolu II, Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Fl-artikolu li jirregola l-kwistjoni in disamina, jigifieri l-artikolu 405 ma hemm ebda menzjoni li t-talba bil-miktub tal-Avukat Generali ghandha tkun notifikata lill-imputat u ghalhekk ma hemm xejn proceduralment zbaljat da parti tal-ewwel Qorti li jista' b'xi mod jippregudika lill-imputat. Dik it-talba bil-miktub tinqara' mill-Qorti fil-miftuh u fil-presenza tal-imputat li jista' dejjem jirregistra r-rizervi tieghu, haga li ma ghamilx dwar l-ebda wahda mit-talbiet, ossija rinviji tal-Avukat

Generali. Il-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex ghalfejn tinoltra aktar in rigward u ghalhekk din il-lanjanza qed tkun respinta;

10. L-ahhar eccezzjoni solllevata mill-appellant li biha iqis li dawn il-proceduri huma nulli tghid hekk: "Illi l-ordni taht l-artikolu 3 u 4 tal-Kap 284 sabiex is-sustanza tax-xhieda tigi registrata b'mezzi elettromanjetici u li ssir t-traskrizzjoni taghhom skond il-ligi giet ukoll iffirmata minn Magistrat ossija Dr. Donatella M Frendo Dimech liema Magistrat ma kienx assenjat li jisma' dan il-kaz". Fis-sottomissjonijiet orali tieghu d-difensur tal-appellant zied josserva li "ovvjament id-Difiza ma tistax tifhem kif ovvjament digriet ta' dik l-entita', li x-xhieda kollha tigi rekordjata kif titlob il-ligi, inghatat minn Magistrat li ma ghandu x'jaqsam xejn u qatt ma kien assenjat fuq din il-kumpilazzjoni". L-Avukat Generali jirribatti din l-allegazzjoni bis-segwenti osservazzjoni, jigifieri li dan "Mhux minnu. Vera hemm miktub isimha, pero' giet iffirmata mill-Magistrat Dr. Rachael Montebello li kienet il-Magistrat li qed tmexxi l-kumpilazzjoni";

11. Ezaminati l-atti processwali ukoll mill-ottika ta' dan l-allegat pekkat, jemergi illi fl-inizzju tal-proceduri u qabel id-deposizzjoni tal-ewwel xhud, l-Qorti awtorizzat ir-registrazzjoni tad-deposizzjonijiet bil-mezzi elettro-manjetici skond l-artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 284 tal-ligijiet ta' Malta. Dan hu evidenti fil-formola in atti a fol 27 tal-atti processwali, izda, fuq din il-formola hemm imnizzel Dr. Donatella M Frendo Dimech bhala l-Magistrat li tat dik l-ordni. Minkejja dan, il-formola hija ffirmata mill-Magistrat li iffirmat il-kumpless tal-atti processwali skond kif jitlob il-Kodici Kriminali liema firma din il-Qorti ma nghatat ebda

raguni ghaliex ghandha b'xi mod tifhem li hija l-firma tal-Magistrat Donatella Frendo Dimech u ma hi ta' hadd ghajr tal-Magistrat li kkonduciet il-kumpilazzjoni u l-eventwali proceduri rezi sommari. Ghalhekk huwa evidenti li l-ewwel Qorti utilizzat formola li kienet inharget mill-ufficcju tal-Magistrat Frendo Dimech b'dan illi kollox huwa in regola la darba iffirmata mill-Maigstrat Istruttur;

12. Illi waqt is-sottomissjonijiet orali tieghu, l-abbli difensur tal-appellant allega nullita' konsistenti fl-inosservanza ta' formalita' essenzjali fil-parti decizorja tas-sentenza appellata dovut ghan-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi li dwarhom instabet htija kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. F'din l-osservanza l-appellant isostni li minkejja li fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali indika diversi artikoli tal-ligi li dwarhom ghandha tinsab htija, l-ewwel Qorti indikat biss fis-sentenza taghha l-artikoli li dwarhom sabet htija u mhux l-artikoli kollha relevanti u naqset ukoll milli tindika dawk l-artikoli li dwarhom kien hemm liberatorja;

13. Illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> **Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

Issa, huwa palezement akkolt fil-gurisprudenza kompjuza in rigward illi meta qorti tonqos milli ssemmi dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom tkun instabet htija tkun qed tippekka b'mod li dak in-nuqqas jaghti lok ghan-nullita' tas-sentenza tant li dak in-nuqqas

huwa ukoll solevvabble *ex officio*. (Il-Pulizijavs Sapienz Ellul App Krim 10.6.1994 Vol LXXVIII – 1994Pt III-V p 262; Il-Pulizija vs Joseph Debono App Krim 8.6.1990 Vol LXXIV – 1990 Pt III-V pp 694 fost diversi ohrajn). Il-Qorti, izda, mhix mehtiega li tindika dawk l-artikoli tal-ligi li jipprospettaw il-piena applikabbli jew artikoli ohra ancillari ghaliex dak li hu mehtieg *ad nullitatem* huwa indikazzjoni tal-artikolu li jipotizza ir-reat li dwaru tkun instabet htija. Certament din ma tapplikax fejn ikun hemm liberatorja. Din ir-regola kienet osservata fl-interita' taghha mill-ewwel Qorti;

14. Minkejja dan, l-appellant qed jinterpreta l-artikolu 382 b'mod li fil-kliem "ta' kull ligi ohra li tikkontempla r-reat" bhala li tfisser li l-Qorti trid tindika ukoll dawk l-artikoli tal-ligi li bihom kien imputat l-persuna. Dan ir-ragunament huwa ghall-kolloz zbaljat ghaliex meta l-artikolu 382 jghid hekk ikun qed jirreferi ghal dawk il-ligijiet l-ohra, minbarra l-Kodici Kriminali, li tahthom tista' tinsab htija. Il-Qorti certament ma ghandhiex ghalfejn tfakkar illi mhuhiex biss il-Kodici Kriminali li johloq reati kriminali. Hemm *per exemplum* il-ligi dwar il-VAT, dik dwar il-hasil tal-flus, l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi kap 101, u hafna u hafna ohrajn. Issa, essendo artikolu tal-ligi li jemani mill-Kodici Kriminali, l-artikolu 382 naturalment isemmi dawk l-artikoli li dwarhom tkun instabet htija taht dak il-kodici izda jilqa ghall-possibilita' li persuna tkun misjuba hatja taht xi ligi ohra u huwa proprju f'dak il-kaz li ghandhom jissemmew ukoll dawk l-artikoli taht dik il-ligi jew dawk il-ligijiet partikolari.

15. Illi ghalhekk l-appellant ma ghandux ragun dwar din l-osservazzjoni;

16. Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju kif ukoll l-ahhar osservazzjoni tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza huma michuda.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni u / jew xandir ta' isem il-parti civile bi kwalunkwe mezz.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**